MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2014

Numru 604/2011

Il-Pulizija

(Spett Joseph Agius)

vs

Sylvester Zahra

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 207288(m), akkuzat talli:

1. fix-xhur ta’ bejn l-1 ta’ Jannar 2011 u t-28 ta’ April 2011 ikkommetta serq ta’ pjanci tar-registrazzjoni minn fuq vettura tal-marka Ford Escort bin-numru ta’ registrazzjoni KBA 903;
2. fl-istess jum, lok u cirkostanzi f’Malta laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod indahal biex ibieghhom jew imexxihom – bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9;
3. fi 28 ta’ April 2011 u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer saq vettura b’numru  LAA 548 b’manjiera perikoluza u traskurata – bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap 65;

4. fl-istess jum, lok u cirkostanzi ghamel uzu minn numru ta' identifikazzjoni xort'ohra minn dak moghti mill-pulizija jew mill-Awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikolari – bi ksur tal-Artikolu 15(1)A tal-Kap 65;
5. fl-istess dati, hin, lok u cirkustanzi f'dawn il-gzejjer saq vettura b'numru ta' registrazzjoni LAA 548 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Autorita' tat-Trasport ta' Malta – bi ksur tal-Artikolu 15(1)a(3) tal-Kap 65;
6. fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi saq vettura bil-mutur minghajr ma kienet licenzjata minn Transport Malta jew mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex din tinstaq fit-triq;
7. fl-istess dati, hin, lok u cirkostamzi, f'dawn il-gzejjer ma kienx kopert b'polza ta' sigurta' dwar terzi persuni – bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kap 104;
8. sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, Magistrat Dr.J.Padovani Grima LL.D tal-15.11.07 u li kiser il-kondizzjoni imposta fuqu b'din is-sentenza.

Rat it-talba tal-Avukqat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

L-imputat gie investigat fuq rapport li fi pjazza San Nikola s-Siggiewi kien hemm vettura ta' kulur abjad b'numru ta' registrazzjoni KBA903 li kienet qed tinstaq b'manjiera perikoluza. Il-Pulizija marru fuq il-post u identifikaw l-vettura in kwistjoni. Kienet ipparkeggjata quddiem il-bieb tar-residenza tal-imputat. Minn investigazzjoni li saret deher li kellha n-numru tar-registrazzjoni falz li rrisulta kien gie misruq mis-Siggiewi stess minn fuq vettura tal-marka Escort precisament minn gewwa Triq Blat Qamar. Fir-rigward din il-vettura Escort irrisulta li kienet ghand il-mekkanik ghat-tiswijja. Kienet nieqsa minn numru ta' registrazzjoni u kellha it-tyres taghha imnizzlin.

Dan kollu jirrizulta pruvat.

Xehed ir-rappresentant ta' Transport Malta in konnessjoni mal-vetturi konnessi ma'dan il-kaz. Dwar l-Escort bin-numru ta' registrazzjoni KBA 903 stqarr li tinstab registrata fuq certu Mark Deguara b'karta tal-identita' numru 138189m u kienet ilha hekk registrata mit-2 ta' Gunju 2009 bil-licenzja taghha li kienet skadiet fit-30 ta' Novembru 2009. Dwar il-vettura numru ta' registrazzjoni LAA 548 stqarr li l-vettura kienet tal-ghamla Opel Corsa ta' kulur abjad u registrata fuq certu Anthony Micallef ta' karta ta' identita' numru 424288m. Ikkonferma li l-imputat ma kellux licenzja tas-sewqan.

Intant, l-imputat hu akkuzat: b'serq tal-pjanci tar-registrazzjoni tal-vettura Escort KBA 903jew alternattivament b'ricettazzjoni, ta' sewqan tal-vettura LAA548 b'manjiera perikoluza u traskurata, minghajr ma' kellha numru ta' registrazzjoni u ma kinitx licenzjata, akkuzat wkoll ma' kellux licenzja tas-sewqan u li ma' kienx kopert b'polza ta' sigurta' biex isuq il-vettura. Dan apparti r-recidiva.

Fl-istqarrija tieghu (fol 10), legalment mehuda anka jekk mhux iffirmata minnu, l-imputat ammetta illi l-vettura tal-marka Opel ma kellix licenzja u lanqas ma kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni. Cahad, pero', li kien jinsab fil-pjazza (tas-Siggiewi) biha. Sostna li kienet giet irmunkata fejn id-dar

tieghu billi kien hemm xi hadd interessat fiha. Stqarr li qabel kienet iggaraxxjata ghand habib tieghu u ghalhekk ma kellix licenzja tat-triq imwahhla fuqa, fil-waqt li rrikonoxxa li kellha l-pjancji ta' registrazzjoni KBA 903 imwahlin fuqha u kien wahhalhom hu. Dwar il-pjancji tan-numri qal li sabhom l-gurnata ta' qabel filghodu waqt li kien jimxi bil-kelb f'Wied Hesri s-Siggiewi.

Inghad dan il-Qorti tafferma li jinsab sodisfacjentement pruvat illi l-vettura Escort KBA903 kienet ghat-tiswija u giet osservata nieqsa mill-pjanci ta' registrazzjoni fil-kors tal-investigazzjoni meta sidha akkumpanja lill-pulizija u wrihom fejn kienet.

Tafferma wkoll illi l-imputazzjoni tas-sewqan perikoluz u traskurat (t-tielet imputazzjoni) ma tirrizultax stante li mhux sorretta mill-provi u dan japplika wkoll ghal-hames u s-sitt imputazzjoni billi m'hemmx il-prova li turi bhala fatt li l-vettura nstaqet. Kuntrarjament, dwar is-serq tal-pjanci (l-ewwel imputazzjoni), bhala fatt jinsab pruvat li dawn kienu naqsu mill-vettura li taghha kienu jappartjenu u hi l-fehma tal-Qorti li fil-kaz 'de quo' tista' tapplika, kif qeghdha, d-duttrina tal-pussess recenti tal-haga misruqa u ssib l-imputat hati tas-serq taghhom anka minhabba li tqis l-ispiegazzjoni tal-imputat inverosimili. Fil-konfront tar-raba, s-seba u t-tmien imputazzjonijiet dawn wkoll jirrisultaw.

Ghaldaqstant, ssib l-imputat hati tal-ewwel, r-raba, s-seba u t-tmien imputazzjoni. Rat l-Artikolu 261(g), 271(g), 281(a), 49, 50, 17 tal-Kap 9, Artikolu 15(1A) tal-Kap 65 u l-Artikolu 3(1)(a)3(2A) tal-Kap 104. Tikkundanna lill-imputat seba xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdha tissospendihom ghal-sena mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor fil-perjodu operattiv, u dan oltre multa komplessiva ta' tlett t'elef u hames mitt euro. Tisskwalifikah wkoll milli jikseb licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' tnax il-xahar mill-lum.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------